# Drag-queens fil-Balzunetta

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com



Il-Bobbie flimkien ma' female impersonators oħra



Carmelo Preca, 'il-Cookie', ritratt meħud fl-1957 fir-Royal Studios (Arkivju Nazzjonali)



Domingo Ochello minn Ġibiltà f'nofs is-snin erbgħin (Arkivju Nazzjonali)



Robert 'Bobbie' Charles Papagiorcopolo, ritratt meħud għand Tony's Photo fi Triq il-Mall, Floriana fl-1950 (Arkivju Nazzjonali)



Domenico Murgo, Il-Minco, wieħed mill-protagonisti ewlenin fil-Balzunetta (Arkivju Nazzjonali)

F'April tal-1948, it-tabib Pawlu Boffa dak iż-żmien Prim Ministru ta' Malta, jirċievi ittra anonima minn resident Furjaniż li b'Malti arkajku jagħti deskrizzjoni ċara tal-andament laxk u elleċitu li wieħed kien isib fit-toroq tal-Balzunetta, dawk l-erba' toroq li kienu jdawru s-seminarju tal-Arċisqof – illum il-Kurja; l-isptar ġenerali – illum id-Depot tal-Pulizija, u x-Xagħra tal-Floriana. Jispikkaw l-aktar *Strada Conservatorio* (Triq il-Konservatorju) u *Strada Giardino* (il-Mall), toroq li kienu jixegħlu l-lejl fit-tbaħrid mill-baħrin u s-suldati, barmaids u hekk imsejħa 'artisti' burleski li kienu attivi fil-ħwienet tax-xorb u fis-swali taż-żfin. Magħhom xi erba' rġiel lebsin ta' mara li bħal barmaids kienu jaqilugħa tajjeb milli jagħmlu l-landi mix-xorb.

Il-Balzunetta ta' mitt sena ilu kienet mimlija ħajja, deskritta bħala l-Las Vegas ta' Malta, il-minjatura ta' Strada Stretta fil-Belt f'dak kollu li kienet tara. Fil-Balzunetta kellek xi ħwienet u swali tal-mużika frekwentati l-aktar minn baħrin u suldati wħud minnhom omosesswali li kienu jmorru hemm apposta biex igawdu l-artistrija flambojanti tal-Bobbie, il-Cookie, Minco, Charlie Golliwog, u Ġużi tal-Cairo fost oħrajn. Jikkumplimenta d-doża tax-xorb, il-kant u żfin, ma jonqos il-bews, it-tgħanniq u ż-żina b'garanzija għal dak li jseħħ wara.

Dan huwa kollu deskritt fl-ittra mibgħuta lill-Prim Ministru Boffa. L-anonimu jagħmel referenza għall-Klondyke, wieħed mill-aktar stabbilimenti magħrufa fil-Balzunetta li kiseb fama sinifikattiva bħala post prominenti, prinċipalment patronizzat minn omosesswali tar-Royal Navy.

Jgħid hekk: "Issa insemmilek ħanut ieħor li mhux bogħod jarda mill-bieb tal-għassa. Dan jismu il-Klondyke. Fih hemm nisa xorta waħda bħal dak li semmejtlek fil-ħanut l-ieħor (Duke of Kent) u anke ġuvintur li huma 'sissy' qed jieħdu xogħol tan-nisa. Inti nispera li fhimtni. Wieħed minnhom huwa Minco Murgo. It-tieni wieħed huwa Carmelo Preca, fil-ħanut imlaqqam il-Cookie. Dan taraħ tiela' l-ħanut qisu tfajla ppitturata, liebes iktar ta' mara inkellha ta' raġel. Dan għandu kamra fi Strada Botanica numru 60, bieb ta' persjana. Fiha din il-kamra jkollhom taparsi party kull filgħaxija, u xi nofs tużżana klijenti tiegħu… Issa biex tkun taf il-verità, jekk inti tmur fejn dawn id-djar issibhom armati daqs tal-aqwa għarusa…"

Kienet u għadha norma fl-istabbilimenti tad-divertiment burlesk li raġel jilbes ta' mara u bl-artistrija tiegħu jagħti spettaklu. Il-baħrin, l-aktar dawk omosesswali kienu jogħxew bihom. Uħud minn dawn il-female impersonators, kienu rġiel tal-familja, miżżewġa u serji, iżda kien hemm oħrajn li dan kienu jagħmluh b'mod naturali wkoll biex jissodisfaw l-orjentazzjoni sesswali tagħhom.

F'Settembru tal-1907, James J. Dowdall, il-propjetarju tal-Flagship Music Hall, jagħmel kuntratt notarili ma' ċertu Arthur Patmore, minn Hertfordshire, l-Ingilterra, u martu Mary Stevens residenti fil-Floriana. Quddiem in-nutar Giovanni Chapelle fl-uffiċċju tiegħu fi Triq l-Ifran fil-Belt, Dowdall jidħol fi ftehim ma' Patmore, komiku u female impersonator, u martu Mary, kantanta u żeffiena biex jagħtu spettaklu kull lejla mis-6 sa nofsilejl. Dan l-arranġament kellu jibda mit-30 ta' Settembru 1907 u jibqa' sejjer għal sitt xhur. Patmore kellu jitħallas salarju ta' lira sterlina, 7 xelini u sixpence fil-ġimgħa, filwaqt li martu kellha titħallas anqas, lira sterlina u 2 xelini. Barra minn hekk, huma kienu ntitolati għal nofs il-profitti ġġenerati mill-bejgħ ta' xorb komuni. Arthur Patmore kien obbligat li jipprovdi assistenza komprensiva lill-klijenti, esklużi r-responsabbiltajiet relatati mal-ispettaklu, u li jġib ruħu b'mod diċenti.

## Il-British Empire Cabaret kien magħruf l-aktar għaż-żfin

### Il-Gay Deceivers fil-Klondyke

Il-vetrina ta' Balzunetta kienet tinkludi artisti maskili li kienu jilbsu ta' nisa u jallegraw l-ammiraturi numerużi li kienu jagħmlu l-appuntament għal-lejla divertita fil-Palladium, British Empire, Flagship, u Klondyke – l-aktar stabbilimenti sħan imfittxija għal dan id-divertiment. Il-kostumi kienu jkunu kolla elaborati, illellxu u jisirqu l-għajn, ħafna minhom mixtrijin minn barra b'valur konsiderevoli.

Poster bikri rriklamat għal spettaklu fil-Klondyke kien iġib l-isem ta' 'The Gay Deceivers'. Il-kartellun inkluda wkoll l-ismijiet tal-protagonisti effeminati fosthom Karmenu Preca, magħruf fil-ħwienet u s-swali bħala l-Cookie u Domenic 'Minco' Murgo. Kien hemm ukoll imniżżel b'mod prominenti l-ismijiet ta' Frances, Rita, u Joe. L-individwi kienu involuti fil-prestazzjoni ta' bosta stili ta' żfin, inklużi tango, valz, u bolero. It-trio mmexxi mill-Maestro Formosa daqq ir-repertorju li kien jinkludi kemm xogħlijiet li għadhom kif ġew komposti, kif ukoll biċċiet mitluba speċifikament mill-udjenza.

L-ispettakli ta' dan il-ġeneru kien ta' kuljum. Ġużi Sultana, magħrufa wkoll bħala 'Ġużi tal-Cairo', jirrakkonta ġrajjietu ma' George Cini, l-awtur ta' tliet volumi fuq dak li produċiet Strada Stretta, u jistqarr li beda jaħdem ta' female impersonator fil-Balzunetta meta kien għadu adolexenti, tifel ta' 14-il sena, proprju fil-ħwienet ta' Minco.

L-avventura ta' Ġużi l-Cairo fil-Klondyke kienet waħda qasira. Wara ħadem fil-British Empire Cabaret li kien jesa' mal-elf ruħ magħruf l-aktar għaż-żfin minn artisti internazzjonali, ġejjin l-aktar mill-Ungerija u anke mill-Awstrija li qabel rifsu Malta taw prestazzjonijiet fil-Moulin Rouge ta' Vjenna.

Barra l-artisti nisa u l-barmaids, il-British Empire kien pjattaforma għall-prestazzjonijiet ta' female impersonators, uħud minnhom omosesswali, fosthom Frankie mill-Belt u Charlie Golliwog, ismu proprju kien Charlie Camilleri, involut sew f'dawn l-ispettakli. Barra minn hekk, kien hemm ċertu individwu jismu Raymond 'Il-Lulu', li kien jagħti prestazzjoni liebes ta' mara. Wara kien iżżewweġ. Fil-Balzunetta kien hemm ukoll ċertu Ritche mill-Belt li kien ikun fil-Klondyke.

**għal paġna 21**



# Il-protagonisti

**minn paġna 20**




Id-divertiment fil-Klondyke minn dawn l-artisti maskili lebsin ta' nisa

Jiddominaw l-aktar dan ix-xenarju kien hemm Domenico 'Minco' Murgo, Karmenu Preca il-Cookie, u Robert 'Bobbie' Charles Papagiorcopolo, it-trinità effeminata li tant taw pjaċir lill-baħrin omosesswali li kienu jimlew kull rokna tal-Klondyke u postijiet oħra magħrufa għal dan il-burdell mid-drag-queens.

Dominico Murgo kien pjanista u artist ta' talent li ħareġ il-preżenza prominenti fil-komunità ta' Balzunetta matul it-tieni nofs tas-snin tletin u baqa' jiġbed l-udjenzi sal-mewt tiegħu fis-sittinijiet. Matul is-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-epilogu tagħha, Murgo ħa f'idejh il-ħanut magħruf bl-isem ta' The Coal Box, li kien jinsab f'numri 27 u 28 Strada Giardino. Minco ħaseb ukoll biex fl-istabbiliment tiegħu jkollu d-daqq tal-mużika u għalhekk talab permess lill-awtoritajiet konċernati. Il-permess ingħatalu li seta' jkollu d-daqq ta' strumenti tal-korda. Mad-daqq tal-mużika, kien hemm is-servizz ta' tliet barmaids. Eventwalment, Minco kien għadda l-liċenzja lil Frances Vella u wara fis-snin kien sar magħruf bħala Lalu Bar.

Wara l-gwerra, Domenico Murgo kien ħa l-istabbiliment The Follies, li kien jinsab f'numru 17 Il-Mall, oriġinarjament kellu l-isem ta' Susie Cabaret. Fil-Follies, Murgo kien iwassal divertiment tajjeb tant li kellu banda zgħira tal-jazz kif ukoll seba' barmaids. Fil-ħamsinijiet, The Follies Music Hall ħaditu Carmela Frendo. F'dawk iż-żminijiet, Murgo kien assistent ta' Margaret Wood fil-Klondyke Music Hall, stabbiliment li kien kbir biżżejjed li seta' jħaddem 14-il mara, 3 waiters u żewġ artisti maskili. L-istorja turbulenti tal-Klondyke li min jaf kemm kien *out of bounds* għat-truppi navali, tniżżel is-separju fl-1958.

Domenico Murgo, iben Salvatore, kien imwieled il-Floriana nhar id-9 ta' Awwissu 1909 u residenti f'numru 36 Strada Botanico. Ftit qabel il-Gwerra kien mar joqgħod f'numru 57 Triq il-Konservatorju.

Karmenu Preca kien magħruf sew fil-Balzunetta u anke fi Strada Stretta. Kien żeffien, dixxendent ta' San Ġorġ Preca, iben Ġużeppi u Sylvia imwielda Xuereb. Skont id-dettalji fl-applikazzjoni tal-passaport arkivjat fl-Arkivju Nazzjonali, jidher li meta kellu 32 sena fl-aqwa tiegħu, kien residenti f'numru 13 Triq l-Argotti. Il-Cookie, imwieled fis-27 ta' Ġunju 1924 kien għażeb, jaħdem bħala steward.

Robert 'Bobbie' Charles Papagiorcopolo, li kien effeminat u indiċenti iżda kien ukoll meqjus bħala wieħed mill-aktar artisti ta' Malta li jispeċjalizzaw fl-impersonazzjoni tan-nisa, b'mod partikolari jnaqqax id-dehra tal-kantanta u attriċi emblematika Brażiljana Carmen Miranda. Minkejja li ma kellux il-ħila li jaqra jew jikteb il-mużika, Bobbie kien pjanista versatili ħafna. Daqq il-pjanu f'diversi bars u swali tal-mużika fi Strada Stretta, il-Belt u attiv ukoll fil-Floriana, l-aktar fil-Palladium, il-British Empire, il-Flagship, u l-Klondyke.

Il-Bobbie kien iben Ġużeppi u Ġiorġina Apap, imwieled Tas-Sliema fit-29 ta' Diċembru 1912. F'żgħożitu kien joqgħod San Ġiljan f'numru 7 Strada Carmine, filwaqt li aktar tard, fil-ħamsinijiet konna nsibuh jgħix fit-Triq San Bastjan il-Belt, numru 20. Huwa kien emigra lejn l-Ingilterra u stabbilixxa ruħu fi Plymouth, fejn kien jieħu gost u jdoqq il-pjanu.

Robert C. Papagiorcopolo ħalliena fit-12 ta' Mejju fl-1994, fl-età ta' 82 sena. Fuq qabartu hemm din in-nota mnaqqxa: 'Bobbie from Malta, For the musical joy you gave, you will always be remembered – R.I.P.'.

Fost l-irġiel l-oħra li kienu jilbsu ta' nisa kien hemm Domingo Ochello, magħruf ukoll bħala 'Oċello' jew 'Is-Sugar' minħabba d-dehra sabiħa tiegħu. Kien twil kważi 6 piedi, kellu għajnejn żoroq, u xagħar kannella skur. Kien jitkellem b'Ingliż eċċellenti. Kien ġentili u maħbub minn kulħadd. Kien iħobb jilbes bil-frilli bħan-nisa u filgħaxija fi triqtu lejn ix-xogħol kien jilbes ta' Carmen Miranda, l-istess bħal Bobbie.

Domingo Ochello huwa iben William u Anna King minn Ġibiltà, imwieled fit-3 ta' Mejju 1909. Mal-wasla tiegħu f'Malta nhar is-26 ta' Lulju 1938 minn Tunis, Ochello kien impjegat bħala artist tal-varjetà bi professjoni u kien joqgħod il-Belt fi Triq l-Isptar, numru 63. F'Malta kien hawn oħtu wkoll, Maria Escudero, artista magħrufa bħala 'Rumba Queen' li kienet qed tgħix fi Strada Fontana, it-triq riservata għall-prostituzzjoni.

Wara seba' snin imbiegħed mill-familja, Domingo kien qed iħossu waħdu u qalbu sewda. Il-ġenituri u l-qraba tiegħu kienu qegħdin l-Ingilterra wara li ġew evakwati minn Ġibiltà fil-bidu tal-gwerra. Huwa kien telaq lejn Ġibiltà u miet hemm fid-9 ta' Lulju 1989.

Dawn huma stejjer vera ta' Bobbie, il-Cookie, Minco u sħabhom li min jaf kemm kienu ċ-ċentru ta' lejla divertita, parti mill-identità tal-Balzunetta u stabbilimenti oħra magħrufa fi Strada Stretta. Għalkemm forsi għal ħafna kienu mistkerħa f'ambitu dispreġġattiv kif ittimbrathom is-soċjetà, dawn kienu umani, b'qalb li taf tħoss u tħobb.

# '[Be]Loved Malta: Stories of sexual and gender identity' – Wirja minn Heritage Malta

Fil-mument bħala parti mill-avvenimenti tal-Europride Valletta 2023, Heritage Malta nediet wirja mill-aktar interessanti bl-isem ta' '[Be]Loved Malta: Stories of sexual and gender identity'.

Il-wirja riċerkata minn stejjer vera b'dokumentazzjoni mill-arkivji, titfa ħarsa dettaljata dwar id-diversità sesswali fis-soċjetà f'diversi forom u kif is-soċjetà trattat din il-kwistjoni f'perjodi ta' żmien differenti fejn kienu wkoll meqjusa bħala atti kriminali.

Iżda dawn kollha kienu meqjusa bħala reat? Kienet dejjem meqjusa bħala 'problema'? Minn xiex kellhom jgħaddu dawk direttament ikkonċernati sabiex jadattaw għas-'soluzzjonijiet' issuġġeriti jew imposti mis-soċjetà konservattiva? Dawn il-mistoqsijiet jitwieġbu b'mod viżiv f'din il-wirja ta' stejjer umani, wirja li wkoll qed isseħħ f'għeluq il-ħamsin anniversarju mid-dekriminalizzazzjoni tal-atti omosesswali f'Malta, fl-1973.

Il-wirja tinsab fil-bini tal-Gwardja Prinċipali fil-Belt Valletta, u se tibqa' miftuħa sal-11 ta' Novembru 2023 fil-ħinijiet ta' bejn l-10am u s-6pm. Il-katalgu uffiċjali li jiċċelebra l-imħabba bil-kuluri kollha tal-qawsalla tagħha jinsab għall-bejgħ fil-wirja u fil-ħwienet ta' Heritage Malta.